TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA' MALTA

Decizjoni Nru 12/78

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Dr Joseph Jaccarini, M.D.,
u
The Shell Co. (Malta) Ltd.

Chairman: C.J. Mallia.

Date: 5 ta' Mejju, 1978.

L-allegazzjoni tat-Tabib Joseph Jaccarini, illi ix-Shell Company ta' Malta kienet kecccietu ingustament, giet riferita lil dan it-Tribunal fit-3 ta' Frar, 1978, mill-Ministru Tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura. Decizjoni f'dan il-kas qeghda tinghata wara zmien itwal mis-soltu, u zmien ferm itwal mill-erbatax-il jum jekk possibbli stipulat fl-artikolu 31 (1) tal-Att Nru. XXX ta' l-1976, principalment imhabba l-fatt li f'diversi zmienijiet il-partijiet, jew wahda minnhom, kienu imsiefrin. Ghalhekk id-differimenti tas-smigh kellhom ikunu itwal milli altrimenti kien ikun il-kas.

2. Biex jisma l-partijiet u ix-xhieda prodotti (minn - nahha ta' Dr Jaccarini biss), u biex jezamina d-dokumenti esibiti miz-zewg nahhat, it-Tribunal zamm zewg seduti twal. Dr. Jaccarini mexxa l-kas tieghu huwa stess, fil-waqt li ghax-Shell Co. (Malta) Ltd. deher is-Sur Saviour Attard, General Manager attwali tal-Kumpanija.

3. Dr Jaccarini issottometta dawn id-dati, li x-Shell Co. ma ikkontestatx:

(i) Dr Jaccarini twieled fid-9 ta' Lulju 1916.

(ii) Huwa beda jaghti s-servizzi professjonali tieghu lix-Shell Co. (Malta) Ltd. fit-3 ta' Jannar, 1962.

(iii) Dawn is-servizzi tieghu max-Shell Co. gew imwaqqfa mill-1 ta' Ottubru, 1977.

/............

/.........

4. L-appellant, it-Tabib Joseph Jaccarini, jallega illi t-twaqqif tas-servizzi tieghu mill-Kumpanija Shell kien tkeccija ngusta. Barra minn dan, anzi qabel dan, it-Tribunal kellu l-ewwel jezamina jekk Dr Jaccarini kienx impjegat max-Shell Co., ghaliex ovvjament ma setghax ikun hemm tkeccija jekk ma kienx hemm impieg.

5. Il-Kumpanija sostniet illi Dr Jaccarini kien biss Medical Advisor taghha, kif sejhitlu hi; li ta' dan kien jircievi dik li hi matul il-kas, kif ukoll qabel, sejhet 'a retaining fee'; u li fuq din il-bazi huwa ma kienx 'impjegat' taghha. Bi prova ta' din it-tezi, il-Kumpanija offriet ix-xhieda bil-gurament ta' l-istess Sur Saviour Attard li kien qieghed jirraprezentaha, u li qal li diversi drabi, meta kien jghid lil Dr. Jaccarini xi lmenti ta' membri ta' l istaff li t-tabib kien iqieshom esigenti, it-Tabib Jaccarini kien ripetutament jghidlu: "Isma, lil dawn fehimhom li jiena m'kiniex impjegat tal-Kumpanija". Ghal din l-istqarrija bil-gurament, Dr Jaccarini wiegeb, ukoll taht gurament: "Ninnega kategorikament li jien qatt ghidt dan". Hi fejn hi il-verita', it-Tribunal ma jhossx li ghandu bzonn jidhol f'dan il-kliem. Jekk kienx hemm impieg jew le hija kwistjoni ta' fatti u regolamenti, u mhux ta' kliem.

6. F'ittra tax-Shell Co. bid-data 13 ta' Jannar, 1975, li esibit l-istess Kumpanija, Dr Jaccarini huwa msemmi bhala "The Company's Medical Officer". Is-Sur Attard, ghax-Shell Co., matul iz-zewg seduti li zamm dan it-Tribunal, insista li Dr Jaccarini kien maghhom fuq "retaining fee". Izda dokument principali, ukoll esibit mill-Kumpanija, igifieri l-ittra tat-30 ta' Dicembru, 1961, tax-Shell Co., ittra li tikkostitwixxi l-kuntratt bejn il-Kumpanija u t-tabib, jitkellem fuq "an annual fee of £360 in monthly instalments of £30 per month". Din il-"fee" annwali kienet saret £M620 sa meta gew mwaqqfin is-servizzi ta' Dr Jaccarini max-Shell Co.

7. L-istess ittra tax-Shell Co. tat-30 ta' Dicembru, 1961, ġa tati programm ta' xoghol: igifieri servizz mediku, f'zewg clinics (Birzebbugia u Luqa), issemmi li jkun deciz xoghol iehor izjed tard (kif fil-fatt wara gew stabbiliti

/.........

attendenzi f'certi granet tal-gimgha f'zewg spizeriji gol-Belt Valletta u Paceville, rispettivament, u timplika servizzi ohra lill-istaff, kif difatti kienu jsiru visti fid-kjar tal-impjegati u tat-tabib. Meta s-servizz mediku li x-Shell Co. ghamlet ghal l-impjegati taghha beda jahdem sewwa u kollu, dan beda jinvolvi skond Dr. Jaccarini aktar minn 17 il-siegha fil-gimgha. Dan it-Tabib Jaccarini qalu fl-ittra tieghu tat-18 ta' Ottubru, 1977, lid-Direttur tax-Xoghol, ittra li Dr. Jaccarini esibixxa kopja taghha fis-seduta ta' dan it-Tribunal tas-7 ta' April, 1978, u din ix-Shell Co. ma ikkontestatiex.

8. Wiehed mix-xhieda, is-Sur Richard Azzopardi, Divisional Officer, National Insurance Division, Department of Social Services, xehed illi skond il-ligi minimu ta' erba sieghat xoghol f'gimgha jikkostitwixxi impieg. Dan hu skond paragrafu 7 ta l-Ewwel Skeda ta L-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurta Nazzjonali. Incidentalment, id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali ghadu qieghed ifittex lix-Shell Co. ghal bolli li ma thallsux ghal dak il-perijodu meta x-Shell Co. saret "the main employer" ta' Dr Jaccarini meta hu spicca minn mal-Gvern. Ghal dan il-perijodu, id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali ried li jithallsu bolli ta' Class One, li kienu ghal min kien "Employed".

9. Fl-ahharnett, ghad li mhux l-inqas fl-importanza, hemm il-fatt li l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali (Att Nru. XXX ta' l-1976) jghid, taht it-tifsir tal-kelma "impjegat", li:

> 'dwar tilwima tax-xoghol "impieg" tinkludi kull relazzjoni li biha persuna tkun tahdem jew taghmel xi servizzi ghal persuna ohra'.

10. Mela:

(a) Dr. Jaccarini kien ingaggat max-Shell Co. bhala Company Medical Officer u kellu salarju annwali li jithallas tant fix-xahar (para. 6 hawn fuq).

(b) Il-programm shih ta' servizzi medici li Dr. Jaccarini kien tenut li jaghti lill-impjegati tax-Shell Co. kien jinvolvi fuq is-17 il-siegha fil-gimgha (para. 7 hawn fuq).

(c) Minimu ta' erba sieghat xoghol fil-gimgha jikkostitwixxi impieg skond il-ligi (para. 8 hawn fuq).

/..........

(d) Meta persuna taghmel xi servizzi ghal persuna ohra dan huwa "impieg" f'kas ta' tilwima tax-xoghol (para. 9 hawn fuq).

11. Ghal dawn ir-ragunijiet, ma jista jkun hemm ebda dubbju li Dr. Jaccarini kien fil-fatt impjegat max-Shell Co. (Malta) Ltd. Ghalhekk it-twaqqif tas-servizzi tieghu mill-Kumpanija kien tkeccija.

12. Issa mela t-Tribunal jibqalu jara jekk din it-tkeccija kienetx ingusta.

13. Ix-Shell Co. (Malta) Ltd. kellha obligi li tipprovdi servizz mediku taht il-collective agreements li kellha mal-Petrol, Chemical and General Workers Section tal-General Workers' Union u man-National Association of Clerical and Supervisory Staffs. Hija mela kellha bzonn ta' tabib. Kienet tuza 'locum' meta Dr. Jaccarini ikun nieqes; hatret tabib iehor meta baghtet lil Dr. Jaccarini; u regghet sabet tabib iehor anke meta t-tieni wiehed telaq. Fl-istess hin, ghandna l-istqarrija tal-istess General Manager, is-Sur Attard, li huma ma ghandhom xi jghidu xejn dwar il-kompetenza professjonali ta' Dr. Jaccarini. Is-Sur Attard qal ukoll kategorikament illi l-unika raguni ghaliex huma waqqfu lil Dr. Jaccarini kienet l-eta'.

14. Dr. Jaccarini allega li l-vera raguni li ghaliha tkecca kienet li x-Shell dahlet f'pika mad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u keccietu biex ma thallasx il-bolli mehtiega. Stante l-ammonti zghar ta' bolli involutiiu d-daqs ta' kumpanija bhax-Shell, din ir-raguni ma tikkonvincix lil-Tribunal.

15. Iz-zewg collective agreements imsemmija aktar il-fuq fil-paragrafu 13 it-tnejn jghidu li impjegati irgiel ghandhom jirtiraw mas-sittin sena. Dr. Jaccarini ma jaqax taht dawn l-agreements, ghaliex hu ma kienx la industrial employee u anqas clerical jew supervisory. Imma anqas li kien jaqa taht dawn l-agreements (li gew iffirmati t-tnejn fis-sena 1975) ma kien ikun tenut jirtira ta' sittin sena. L-Avviz Legal 133 ta' l-1975, imsejjah Ordni ta l-1975 li jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi ghall-Prodotti tal-Karta,

/.........

Plastics, Kimici u Petroleum biex jirregola l-Pagi, jaghti lil l-impjegat l-ghazla li jekk irid jirtira ta' 61 sena. Fl-istess waqt, it-taqsima 8 (5) ta' l-Att ta' l-1952 li jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg (Att Nru. XI ta' l-1952) tghid li amendi bhal din ta' l-1975 dwar il-61 sena jissostitwixxu kwalunkwe ftehim iehor inqas favur l-impjegat.

16. It-Tribunal ikkonstata li x-Shell Co. waqqfet l-impieg ta' Dr. Jaccarini tlett xhur wara li dan ghalaq il-61 sena (ara para. 3 hawn fuq). B'eccezzjoni biss ta' certi gradi specifikati (bhal, per ezempju, l-Imhallfin), li wiehed jirtira mal-61 sena hija regola generali fis-servizz pubbliku. Din tidher car li hija parti mill-politika socjali tal-Gvern, li topera wkoll fis-settur privat permezz ta' ordnijiet dwar pagi ecc.

17. Ghalhekk it-Tribunal, minghajr anqas ma hemm bzonn jghid x'inhi l-fehma tieghu dwar l-eta' u l-impieg, ifakkar li taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 32 ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976 huwa marbut li jqis il-politika socjali tal-Gvern bazata fuq principji ta' gustizzja socjali.

AWARD

18. Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal ma jsibx li t-tmm tal-impieg ta' Dr. Joseph Jaccarini, M.D., mix-Shell Co. (Malta) Ltd. kien ingust, u b'hekk jaghlaq din il-kwistjoni tax-xoghol.

(C.J. Mallia)
Chairman.

(S. Grech)
Segretarju.

5 ta' Mejju, 1978.

fp